MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Numru. 170/2007

Il- Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
(Spettur Carmelo Magri)

-vs-

Kenneth Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Borg ta' 29 sena, bin Anthony u Pauline nee` Debattista imwieled Attard fit-4 ta' Gunju, 1977, u residenti fil-fond "Solaire Complex", Flat 21A, Blokk D, Triq il-Gwiebi, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 310177 (M).

Akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe':

Fit-12 ta' Mejju, 2006 mill-fond b'l-isem ta' Gaglione Court Flat 1 Triq Ghar u Casa Mellieha, kkommetta serq ta' zewg crieket tad-deheb ghad-dannu ta' Maria Stella Deguar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltija (Lm1000), ekwivalenti ghal l-elfejn tlet mija u disagh u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmi (Euro 2329.37) u bil-lok.
F'l-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Maria Stella Deguara, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin Euro centezmi (Euro 23.29) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50) ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin Euri centezmi (Euro116.47).

Fit-22 ta' Gunju, 2006 ghall-habta tat-8:30 ta' fil-ghaxija mill-Foss Misrah Merquita, Mdina, kkommetta serq ta' parr pjanci ta' registrazzjoni bin-numru IBF 916 minn fuq vettura ta' l-ghamla Volkswagen Polo ghad-dannu ta' William Hammett liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 18, 216(b)(c)(e)(h)(g), 263, 267, 269, 270, 271, 325(c) u 334 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-fedina penali ta' l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijet migjuba kontra l-imputat huma dawk ta' serq kwalifikat bil-mezz u valur; hsara volontarja, serq kwalifikat bil-mezz, hin u lok; u ricettazzjoni.

Illi l-imputat innega l-involviment tieghu fir-reati lilu adebieti mhux biss meta sar l-ezami ima anke meta kien qed jirrispondi l-mistoqsijiet fiz-zewg stqarrijiet li huwa rrilaxxja lill-ufficjali tal-pulizija.
Illi dwar l-ewwel imputazzjoni u cioe dik ta' serq mill-appartament f'Gaglione Court Triq Ghar u Casa Mellieha a dannu ta' Maria Stella Deguara (mart Charles Zammit) jirrizulta li meta l-konjugi Zammit irritornaw id-dar ghal habta tas-2.00am fit-13 ta' Mejju 2006 Maria Stella Deguara nnotat li kienu nieqsa zewg crieket minn posthom u cioe *jewel box* li kienet fid-*dresser* fil-kamra tas-sodda. Minhabba l-hin l-konjugi Zammit hasbu li jkun ahjar li jaraw x'jaghmlu dwar dan il-fatt filghodu.

Illi filghodu l-konjugi Zammit ndunaw ukoll li l-purtira fil-bieb tal-kamra tas-sodda li jaghti ghal bietha kienet qed tperper. Kien f'dak il-mument li l-konjugi Zammit irrealizzaw definittivament li c-crieket kienu insterqu ghax indunaw li l-bieb imsemmi kien imbexxaq (huma kienu hallewh maghluq) u li kellu sinjali ta' levar.

Illi mill-ezamijiet foresici li saru jirrizulta li fuq il-bieb tal-kamra tas-sodda li jghati ghal-bitha kien hemm impronta digitali. Din giet elevata, flimkien ma elementi ohra ta' evidenza, u hija esebieta flimkien mar-rapport ta' PS239 Joseph Caruana u PS198 Arthur Debattista a fol 29 et seq tal-process. B'mod partikolari din l-*print* hija esebieta bhala document 06 BLB 302 a fol 35 tal-process.

Illi waqt id-depozizzjoni tieghu mghotija fit-2 ta' Ottubru 2007 l-espert nominat minn din il-Qorti, Joseph Mallia, qal li l-*print* hija identika mas-seba l-kbir ta' id ix-xellugija ta'l-imputat. Din l-asserzjoni fil-fatt hija ripetizzjoni ta' dak indikat fir-rapport ta'l-istess Joseph Mallia (esebiet a fol 51 tal-process) fejn huwa qal li *l-improta li tidher fuq il-lifter*

*dokument 06 BLB 302 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir ta' id ix-xellugija ta' Kenneth Borg* (ref paragrafu "d" pagna 14 tar-rapport).

Illi mill-atti ma tirizzulta l-ebda raguni legittima ghala prezenza ta' dik l-impronta mal-bieb tal-kamra tas-sodda tal-konjugi Zammit.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni u tinsab sodisfatta li l-imputat huwa hati ta' l-ewwel imputazzjoni u cioe dik tas-serq ta' zewg crieket a dannu ta' Maria Stella Deguara.

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik ta' hsara volontarja a dannu ta' Maria Stella Deguara u tirreferi ghal hsara kkawzata fil-bieb tak-kamra tas-sodda tal-fond minn fejn insterqu c-crieket u cioe l-istess bieb fejn instabet l-impronta ta' l-imputat.
Illi apparti d-depozizzjoni tal-konjugi Zammit il-hsara tidher mir-ritratti li ttiehdu mill-ufficjali tal-pulizija u li huma ezebieti a fol 36 tal-process.

Illi ghar-ragunijiet espressi aktar 'l fuq il-Qorti hija konvinta ukoll li l-hsara giet ikkawzata mill-imputat biex kiseb access ghall-parti interna tal-fond propjeta tal-konjugi Zammit.

Illi ghalhekk l-imputat huwa hati ukoll tat-tieni imputazzjoni li pero ghandha titqies bhala mezz ghal fini ta' l-esekuzzjoni tar-reat ta' serq soggett ta' l-ewwel imuptazzjoni.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik ta' serq ta' zewg pjanci ta' registrazzjoni b'numru IBF 916.

Illi anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-imputat cahad l-involviment tieghu.

Illi l-uniku xhud li ressqet il-prosekuzzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni kien certu Annise Bejaoui. Dan pero, fiz-zewg depozizzjonijiet tieghu, cahad li kien l-imputat li tah il-pjanci.

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-Ispettur Jeosph Mercieca rrakkonta dak li kien qallu Annise Bejaoui meta dan kien qed jigi nvestigat ghal numru ta' reati inkluz serq u ricetazzjoni tal-pjanci in kwistjoni. Fil-proceduri odjerni l-prosekuzzjoni esebiet ukoll kopja ta' l-atti tal-kawza "Pulizija kontra Annise Bejaoui" li kienet tinkludi l-istqarrija rilaxxjata minn dan Bejaoui fil-kors ta' dik l-investigazzjoni. Kemm dak li qal Bejaoui lill-Ispettur Mercieca f'dik l-investigazzjoni u kemm dak li qal Bejaoui f'l-istqarrija tieghu jikkontrasta ma' dak li qal l-istess Bejaoui fiz-zewg depozizzjonijiet tieghu mghotija fil-proceduri odjerni.

Illi pero din il-Qorti ma tistax toghqod fuq dak li l-Ispettur Mercieca qal li qallu Bejaoui, kif lanqas ma tistax tistrih fuq dak li qal Bejaoui f'l-istqarrija tieghu (liema stqarrija propjament taghmel parti mill-atti ta' kawza ohra) ghaliex huwa xhud u mhux imputat f'dawn il-proceduri.

Illi in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma kellhiex xhiedha ohra xi tressaq fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hlif lil Annise Bejoaui, l-Qorti tista toghqod biss fuq dak li qal Bejaoui f'dawn il-proceduri. Minn dan ma jirrizultax, sal-grad rikjest mill-Ligi, l-involviment ta' l-imputat Kenneth Borg fis-serq tal-pjanci ta' registrazzjoni b'numru IBF 916. Konsegwentement l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

Illi dwar ir-raba imputazzjoni, hija dik ta' ricettazzjoni liema imputazzjoni hija migjuba bhala alternativa ghal dik ta' serq u konsegwentement l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti tirrileva li mill-fedina penali ta' l-imputat jirrizultaw zewg kundanni: wahda ghal pussess ta' droga u l-ohra talli naqas li jghati avviz ta' trasferriment ta' vettura. Ghalkemm ma jirrizultax mill-fedina penali, minn dak li qalet Jean Cali' lill-Qorti zgur li hemm kundanna ohra fil-konfront ta' l-imputat li bhala konsegwenza taghha l-imputat qed isegwu Prisoners Inmates Programme li huwa programm residenzjali ghal min ikollu problemi mill-abbuz tad-droga. Min dak li qalet din Jean Cali' jidher li l-

andament ta’ l-imputat f’dan il-programm huwa wiehed pozittiv.

Illi tenut kont ta’ dan u tal-fatti kollha tal-kaz l-Qorti hija tal-fehma li m’ghandhiex f’dan l-istadju tiddisturba l-andament tal-programm li diga qed isegwi l-imputat u ghalhekk mhiex ser timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 216(b)(c)(e), 263, 264, 265, 267, 269, u 325(c) tal Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjoni lilu adebieti u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-llum; ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba imputazzjoni.

Il-Qorti spejgat lill-imputat bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta’ tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------